Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,435, 7 ta' Lulju, 2020
Taqsima B

A.L. 284 tal-2020

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2020 li jemendaw ir-Regoli tal-2020 dwar Rata ta' Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020 - 2023) (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli tal-2020 li jemendaw ir-Regoli tal-2020 dwar Rata ta' Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020 - 2023) (Emenda Nru 2) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar- Regoli tal-2020 dwar Rata ta' Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020 - 2023), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.197.

Temenda t-titolu tar-regoli prinċipali.

2. Fit-titolu tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "Rata ta' Taxxa" għandhom jidħlu l-kliem "Eżenzjoni mit-Taxxa".

Temenda r-regola 1 tar-regoli prinċipali.

3. Fir-regola 1 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "Rata ta' Taxxa" għandhom jidħlu l-kliem "Eżenzjoni mit-Taxxa".

Tissostitwixxi r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

4. Minflok ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tidħol din ir-regola li ġejja:

"Eżenzjoni mit-taxxa fuq *income* minn servizzi kwalifikanti.

"3. *Income* derivat minn persuna awtorizzata minn servizzi kwalifikanti matul sena rilevanti għandu jkun eżentat mit-taxxa li altrimenti tkun trid titħallas taħt il-kondizzjonijiiet li ġejjn:

(a) l-*income* in kwistjoni jiġi rrappurtat fi prospett mibgħut skont l-artikolu 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għas-sena ta' stima rispettiva; u

Kap. 372.

(b) jitħallas ammont ta' taxxa ikkalkolat bir-rata ta' ħames (5) ċenteżmi fuq kull euro ta' dak l-*income*; u

(ċ) it-taxxa fuq l-*income* taxxabbli tal-persuna awtorizzata għas-sena ta' stima rispettiva għandha tiġi kkalkolata bir-rata jew rati li kienu japplikaw kieku dak l-*income* kien jinkludi l-*income* eżentat b'dawn ir-regoli; u

(d) il-persuna awtorizzata tipproduċi dawk id-dokumenti jew evidenza oħra li l-Kummissarju jista' jitlob.".